MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 133/2003

Frank u Doris konjugi Farrugia .

VS

Kevin Zammit, u
Hite Investments Limited

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi permezz ta' kitba privata ta' l-ghaxra (10) ta' Settembru elfejn u tnejn (2002) il-konvenuti ddikjaraw irwiehhom veri certi u likwidi debituri fil-konfront ta' l-atturi ghas-somma ta' wiehed u tletin elf u disa' mitt lira Maltija (Lm31,900) minnhom mislufa in parti precedentement u in parti fuq l-istess kitba (Dok. A) bl-imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena minn dik id-data 'l quddiem . Dan l-ammont kellu jigi

restitwit flimkien ma’ l-imghax relattiv fi zmien sentejn minn dik id-data .

Illi dan is-self gie garantit permezz ta’ ipoteka specjali kkostitwita skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-tlieta (3) ta’ Ottubru elfejn u tnejn (2002) (Dok. B) .

Illi minn meta saret l-iskrittura msemmija, il-konvenuti ma ghamlu l-ebda pagament kwalsiasi fuq dan is-self la in linea ta’ hlas ta’ imghax u l-inqas bhala restituzzjoni ta’ xi parti mill-kapital u ghalhekk il-konvenuti ma ghadhomx iktar intitolati ghal beneficcju tat-terminu lilhom koncess .

Illi lill-atturi rrizulta li l-istat finanzjarju tal-konvenut tbiddel radikalment tant li tqieghed fil-perikolu l-hlas tal-kreditu msemmi, u tnaqqset ukoll il-garanzija dwar l-esekuzzjoni tal-kuntratt..

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali, l-konvenuti naqsu milli jhallsu l-bilanc u l-imghax dovut .

Illi fil-fehma ta’ l-atturi dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’iqanqlu ghat-talbiet li qed isirulhom u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Taqta’ u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini ta’ l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili .

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri fil-konfront ta’ l-atturi fis-somma ta’ elfejn, hames mija u

tnejn u hamsin lira Maltija (2552) rapprezentanti imghax li skada fit-tlieta ta' Ottubru tas-sena 2004 .

3. Tiddikjara wkoll li l-konvenuti in vista tal-premess ma ghadhomx iktar intitolati ghall-beneficcju tat-terminu u konsegwentement il-konvenuti huma debituri fil-konfront ta' l-atturi fis-somma ta' wiehed u tletin elf u disa' mitt lira Maltija (Lm31900) mislufa kif fuq spjegat.

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi dawn l-ammonti flimkien ma' l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija fis-sena b'effett mit-tlieta ta' Ottubru elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata f'Ottubru elfejn u tlieta (2003) u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 195/03 .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Frank Farrugia,

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuti f'din ic-citazzjoni, liema notifika ggib id-data tas-17 ta' Frar, 2004 .

Semghet lill-avukat Dottor Joseph Grech, ghal konvenut fl-udjenza tal-lum jammetti t-talbiet attrici .

In vista ghal hekk ta' din l-ammissjoni, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici,
1. tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-atturi fis-somma ta' elfejn hames mija tnejn u hamsin lira maltija (Lm2552), rapprezentanti imghax li skada fit-tlieta ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004) .

2. Tiddikjara wkoll li l-konvenuti in vista tal-premess li ma ghadhomx iktar intitolati ghal beneficcju tat-terminu u konsegwentement il-konvenuti huma debitu fil-konfront ta' l-atturi fis-somma ta' wiehed u tletin elf u disa' mitt lira Maltija (Lm31900) mislufa kif fuq spjegat .

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi dawn l-ammonti flimkien ma’ l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija fis-sena b’effett mit-tlieta ta’ Ottubru elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament relattiv.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu ta’ l-istess konvenuti .
S13303Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------